**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**19 ta' Lulju 2021**

**Rikors Numru 3/2021**

**Gordon Anthony Grixti u Victoria Camilleri**

**Vs**

**L-Awtorità tad-Djar**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Gordon Anthony Grixti u Victoria Camilleri** ppreżentat fid-29 ta' Jannar 2021 li permezz tiegħu ppremettew is-segwenti:-

*"Illi l-esponent irċieva ittra uffiċjali datata 6 ta' Jannar 2021 hawn annessa u mmarkata DOK 1, liema ittra ufficjali saret skont it-termini tal-Artikolu 9 et seq tal-Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta u li permezz tagħha l-Awtorità intimata qed titlob lill-esponent sabiex jiżgombra l-fond Block 2, Flat 2, Triq Sant' Andrija, Valletta, billi skont l-istess Awtorità tad-Djar, m'għandux titolu validu skont il-liġi biex jokkupa dan il-fond.*

*Illi l-fond mertu tal-ittra uffiċjali tar-rikors odjern u cioè Block 2, Flat 2, Triq Sant' Andrija, Valletta kien u għadu fil-fatt fiżikament fond uniku mal-appartament Block 1, Flat 1, Triq Sant' Andrija, Valletta u għalhekk dawn iż-żewġ fondi huma fiżikament fond wieħed u dar waħda;*

*Illi f'din id-dar kienu oriġinarjament joqogħdu l-esponent flimkien mal-ġenituri tiegħu Alfred Grixti u Annie Grixti u z-zijiet tiegħu Josephine u Rose Cassar;*
*Illi de facto l-esponent u l-ġenituri tieghu kienu jgħixu fil-fond fis-sular t'isfel u l-aħwa Cassar fis-sular ta' fuq;*

*Illi peress illi l-familji kienu jgħixu separatament, id-Dipartiment tal-Artijiet kien qasam il-kirja fi tnejn u cioè parti titħallas mill-familja Grixti u parti mill-aħwa Cassar, mingħajr ma nbidel l-indirizz tal-fond kif jidher fl-anness irċevuti DOK 2 u DOK 3 li juru li l-kirja ġiet*

*maqsuma f'żewġ porzjonijiet imma ż-żewġ porzjonijiet isejħu l-istess indirizz u cioè Block 1, Flat 1 u mhux Block 2, Flat 2;*

*Illi għalhekk jirriżulta b'mod manifest illi l-appartament in kwistjoni mertu tal-każ, kien ikkunsidrat bħala Block 1, Flat 1 mill-istess Awtorita' tal-Artijiet;*

*Illi kien biss sussegwentement illi l-fond mertu tal-każ li hu ndikat bħal Block 2, Flat 2 fl-ittra uffiċjali, inqaleb mill-indirizz oriġinali tiegħu ta' Block 1, Flat 1 biex b'hekk fond wieħed inqasam fi tnejn mill-Awtorità tal-Artijiet b'konsegwenza illi l-familja Grixti baqgħet toqgħod fl-indirizz Block 1, Flat 1 u l-aħwa Cassar minn Block 1, Flat 1 ġew joqogħdu fi Block 2, Flat 2;*

*Illi ġara illi Rose Cassar mietet u l-esponent tela' fis-sular ta' fuq jgħix ma' zitu Giuseppa Cassar sabiex ikollu aktar spazju billi s-sular ta' fuq huwa akbar mis-sular ta' isfel;*

*Illi ġie nieqes ukoll missier l-esponent u sussegwentement anki Giuseppa Cassar u kwindi attwalment fis-sular ta' isfel hemm tgħix Annie Grixti li tiġi omm l-esponent u fis-sular ta' fuq qed jgħix l-esponent billi kien qiegħed jgħix ma' zitu li fuqha kienu jinħargu l-irċevuti tal-kera ta' dan is-sular li imma kien ġie ndikat li hu fond Block 2, Flat 2, Triq Sant' Andrija, Valletta;*

*Illi in linea preliminai, l-Awtorità intimata għandha tipprova li hija għandha titolu fuq il-fond in kwistjoni;*

*Illi għalhekk fl-ewwel lok u b'mod preliminari għall-mertu, it-talba kontenuta fl-ittra uffiċjali għandha tkun riġettata billi skont l-istess irċevuti tad-Dipartiment tal-Artijiet, il-fond fejn kienu jgħixu l-aħwa Cassar u li hu mertu ta' din il-kawża ma huwiex Block 2, Flat 2 imma Block 1, Flat 1 u kwindi t-talba fl-ittra uffiċjali hija rrita u nulla;*

*Illi fit-tieni lok u bla preġudizzju għas-suespost, il-fond in kwistjoni huwa fond wieħed u li fuqu d-Dipartiment tal-Artijiet għażel li jaqsam il-kera bejn il-familji u kwindi l-Awtorità intimata ma tistax tordna l-iżgumbrament tal-esponent minn sular tal-istess fond;*

*Illi fit-tielet lok u bla preġudizzju għas-suespost, l-Awtorità intimata trid tipprova illi hija għandha delega mid-Direttur tal-Artijiet dwar il-fond in kwistjoni skont id-disposizzjonijiet tal-Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta billi l-kera dejjem tħallset direttament lid-Dipartiment tal-Artijiet illum Lands Authority;*

*Illi fir-raba' lok u bla preġudizzju għas-suespost detto ma non concesso li l-fond mertu tal-kawża huwa appartament per se, l-esponent kien jgħix ma' Giuseppa Cassar li kienet tħallas il-kera mal-Awtorità tal-Artijiet u kwindi ġaladarba Giuseppa Cassar mietet, l-esponent għandu jibbenefika ruħu mid-disposizzjonijiet tal-Kap 69 biex il-kera tgħaddi fuqu;*

*Għaldaqstant l-esponent, in vista tar-raġunijiet suesposti jitlob lil din il-Qorti sabiex skont l-Artikolu 12 tal-Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta, tirrevoka u tħassar l-effetti tal-ittra uffiċjali datata 6 ta' Jannar 2021 hawn annessa u mmarkata DOK 1 u filwaqt li tilqa' s-sottomissjonijiet suesposti tiddikjara li l-ordni jew talba għall-iżgumbrament kontenuta fl-istess ittra uffiċjali hija infondata fil-fatt, fid-dritt, fil-liġi u fil-mertu u li m'għandha l-ebda bażi legali."*

Ra r-risposta **tal-Awtorità tad-Djar** datata 25 ta' Jannar 2021 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

"

1. *Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

2. *Illi jiġi rilevat li għall-fondi tal-Gvern ma jgħoddux l-istess protezzjonijiet tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta mogħtija lill-kirjiet mogħtija minn sidien oħra. U dan kif jirriżulta minn Art 8(2) tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk il-Gvern mhux marbut b'din il-liġi biex itemm il-kirjiet tiegħu.*

3. *Illi ma hemm ebda dubju li dan huwa fond wieħed differenti mill-fond l-ieħor imsemmi fir-rikors tal-atturi. U għalhekk dak li jingħad fir-rikors dwar il-flat 1 u 2 huwa irrrilevanti u ma jagħmilx sens legali jew fattwali. Tant hu hekk illi fl-irċevuti ppreżentati mir-rikorrenti stess mar-rikors tiegħu, in-numru tal-proprjetà juri kif dawn huma żewġ fondi separati.*

4. *Illi intant għalkemm dan huwa post tal-Awtorità tal-Artijiet, kwalunkwe allokazzjoni u komunikazzjoni dwar talbiet ta' rikonoxximent fil-bdil tal-inkwilini dejjem issir u saret mad-Direttur tad-Dipartiment tal-akkomodazzjoni Soċjali u sussegwentament mill-Awtorità tad-Djar li għalhekk għandha l-amministrazzjoni ta' dan il-fond u ta' kull fond governattiv li huwa użat bħala residenza.*

5. *Illi kull meta jkun hemm talba għal rikonoxximent, hija l-Awtorità tad-Djar li tiddeċiedi dwar tali talba u anke hija wkoll l-Awtorità tad-Djar li tiddeċiedi dwar terminazzjoni ta' kirjiet.*

6. *Illi hi l-Awtorità Djar li għandha amministrazzjoni ta' dan il-post kemm minħabba l-funzjonijiet tal-Awtorità tad-Djar li tiddeċiedi fuq allokazzjoni, tirrikonoxxi inkwilini etc kif ukoll minħabba Art 24 tal-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, Kapitlu 261 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid hekk:*

*24.(1) B'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu,d-drittijiet, obbligi, funzjonijiet u assi kollha li qabel kienu jappartjenu lid-Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali għandhom,bis-saħħa ta' dan l-Att, u bla ebda assikurazzjoni ulterjuri, jiġu trasferiti lil, u jkunu vestiti fl-Awtorità taħt l-istess titolu u awtorità li bihom kienu vestiti fid-Direttur minnufih qabel dik il-ġurnata.*
*(2) Dak it-trasferiment għandu jkun estiż għat-totalità ta' dawn l-assi, drittijiet u obbligi u għandu jinkludi artijiet, xogħlijiet u proprjetà oħra, mobbli u immobbli, setgħat, privileġġi u kawżi ta' azzjoni miżmumin jew li jitgawdew f'konnessjoni magħhom jew li jappartjenu lilhom.*

7. *Illi kif ser jiġi pruvat minn dak li fadal tal-file u tad-dokument tal-allokazzjoni (peress illi l-kopja tal-allokazzjoni hija kopja mqattgħa li jidher biss nofs il-ftehim)*

*jidher li allokazzjoni saret minn Segretarju tad-Djar li issa huwa sostitwit mill-Awtorità tad-Djar.*

8. *Illi Gordon Anthony Grixti stess talab għar-rikonoxximent tiegħu bħala inkwilin fil-fond de quo, mingħand l-Awtorità tad-Djar u minn ħadd aktar u din biżżejjed hija prova li l-ittra ta' żgumbrament kellha ssir mill-istess Awtorità. L-istess attur qed jikkonferma li l-fond għalhekk huwa tal-Gvern u amministrat mill-Awtorità tad-Djar.*

9. *Illi minkejja li l-attur talab biex jiġi rikonxxut l-Awtorità tad-Djar qatt ma laqgħet it-talba tiegħu biex jiġi rikonoxxut. L-ewwel talba saret fid- 9 ta' Frar 2015. Huwa qal li jiġi neputi tal-inkwilina oriġinali. L-inkwilina marret tgħix ġo home tal-anzjani u kuntratt magħha ġie wkoll terminat f'Mejju 2015. Meta l-Awtorità tad-Djar tevalwa talbiet għal rikonixximent hija tara wkoll ir-rapporti ta' diversi spezzjonijiet li jsiru b'mod regolari minn żmien għal żmien biex tivverifika min verament kien qed joqgħod hemmhekk u jiġi nnutat li qabel saret din it-talba kif ukoll f'diversi spezzjonijiet li saru wara, ir-rikorrenti ma nstabux fl-imsemmi fond. Instabu biss jokkupaw il-fond mingħajr titlu fi spezzjoni li saret fl-2018 u fl-2020, rispettivament.*

10. *Illi anke mir-rikors innifsu huwa evidenti li l-atturi ma għandhom ebda titolu validu fil-liġi fuq dan il-fond okkupat minnhom. Imkien fir-rikors tagħhom ma jġibu xi prova li għandhom xi kirja jew titolu ieħor fuq il-post. Għalhekk dak li hemm indikat fl-ittra uffiċjali tal-iżgumbrament huwa korrett u ma ġie kontradett bl-ebda mod.*

*Għaldaqstant it-talba attriċi għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-appellant."*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Sema' s-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorità intimata kif kontenuta f'ittra uffiċjali Numru 34/2021 datata 6 ta' Jannar 2021 li permezz tagħha talbet lir-rikorrenti jiżgombraw minn Block 2, 1st Floor, Triq Sant'Andrija, Valletta fi żmien tletin (30) ġurnata min-notifika tal-istess ittra u dan stante li r-rikorrenti kienu qegħdin jokkopaw l-imsemmija proprjetà **mingħajr ebda titolu validu fil-liġi**.

**Ir-rikorrent** xehed illi huwa residenti Block 2, Flat 2, Triq Sant'Andrija, Valletta. Jispjega li din id-dar tifforma parti minn struttura ikbar, u cioè, li s-sular ta' taħtha huwa parti integrali minnha. Fis-sular ta' isfel tgħix ommu, filwaqt li fis-sular ta' fuq jgħix hu. Qablu kienet tgħix zitu. Jispjega li fl-imgħoddi anke l-kirja kienet fuq post wieħed, però, id-Dipartiment tal-Artijiet kien aċċetta li l-kera tinqasam. Jispjega wkoll illi l-Awtorità tad-Djar mhix is-sid tal-post in kwistjoni tant li meta l-ġenituri tiegħu riedu jixtru l-post tagħhom huma kienu ġew infurmati mill-istess Awtorità li mhix sid il-post.

**Annie Grixti,** omm ir-rikorrent, tispjega illi meta hi u l-familja tagħha marru joqogħdu fil-fond Block 1, Flat 1, hi, ir-raġel, it-tfal tagħhom u ommha kienu joqogħdu isfel, filwaqt li z-zijiet tagħha kienu jgħixu fis-sular ta' fuq. Tispjega li hi u z-zijiet kienu ftehmu li z-zijiet jikkontribwixxu għall-kirja u d-Dipartiment tal-Artijiet kien aċċetta li jirċievi l-kera maqsuma fi tnejn, però dejjem għall-istess dar. Tispjega li l-kera kienet tiġi taħt indirizz wieħed, u cioè Block 1, Flat 1, sakemm wara żmien bdiet tiġi taħt żewġ indirizzi.

**Gratian Francica**, *Senior Officer* mal-Awtorità intimata, xehed illi f'Diċembru 2014 huwa mar jagħmel spezzjoni f'Block 1, Flat 1, Triq Sant'Andrija, Valletta stante li r-rikorrent kien għamel applikazzjoni sabiex jingħata akkomodazzjoni soċjali. Huwa għalhekk għamel pjanta tal-ambjenti fi Block 1, Flat 1, Triq Sant'Andrija Valletta, liema pjanta tinsab esebita a fol. 93 tal-proċess. Jispjega li però fl-2018 u fl-2020 għamel spezzjoni fi Block 2, First Floor, Triq Sant'Andrija, Valletta fejn fl-ewwel okkażjoni nstab ir-rikorrent u fit-tieni okkażjoni kien hemm mara li ma fetħitilhomx.[1]

Is-Sur Francica spjega li meta għamel il-pjanta ta' Flat 1 ma rriżultalux li dan kien imniffed b'taraġ ma' Flat 2. Jispjega li Flat 1 u Flat 2 għandhom żewġ bibien prinċipali separati.

**Dr. Bryony Balzia Bartolo,** *manager* u avukat mal-Awtorità intimata, spjegat illi l-Awtorità għandha l-amministrazzjoni tal-fond in kwistjoni u dan ai termini tal-Att Dwar l-Awtorità tad-Djar. Tispjega li mir-rekords li għandhom, il-fond in kwistjoni kien ġie allokat lil Anthony u Gerald Cassar, però ma kellhomx rekord meta ġie allokat lil Josephine Cassar, iz-zija tar-rikorrent. Tispjega li mill-fajl li għandha l-Awtorità jirriżulta illi s-Sinjura Cassar kienet applikat biex tixtri l-fond in kwistjoni, però fl-2006 kienet waslitilhom informazzjoni mid-Dipartiment tal-Artijiet illi l-istess sinjura kienet rikoverata ġewwa dar tal-anzjani u li allura ma kinitx qed tirrisjedi fil-fond in kwistjoni.[2]

---

[1] Ara Dokument GF1 a fol. 36 u 37
[2] Dokument BB2 a fol. 60

Ix-xhud tkompli tispjega illi fl-2015 ir-rikorrent kien talab lill-Awtorità sabiex jiġi rikonoxxut bħala inkwilin legali ta' Block 2, Flat 2, Triq Sant'Andrija, Valletta.[3] Tispjega li għalhekk saru xi spezzjonijiet fejn, però, l-ispetturi ma sabu lil ħadd meta marru fl-istess fond.[4] Għalhekk l-Awtorità talbet lill-inkwilina rikonoxxuta, u cioè lil Josephine Cassar, biex tirritorna ċ-ċwievet tal-fond.[5] Peress li l-inkwilina baqgħet inadempjenti, fit-3 ta' April 2018, inħarġet Ordni għal Żgumbrament skont l-Att Dwar Żgumbrament minn Artijiet tal-Gvern, liema Ordni twaħħlet mal-bieb ta' barra tal-fond in kwistjoni.[6] Tispjega, li fil-5 ta' April 2018, l-Awtorità rċeviet ittra mingħand Josephine Cassar fejn permezz tagħha oġġezzjonat għall-iżgumbrament tagħha u talbet ukoll li l-kirja tal-fond tinqaleb fuq ir-rikorrent.[7] Sussegwentement, però, fi spezzjoni ulterjuri li saret fl-24 ta' Jannar 2018 kien instab fil-fond ir-rikorrent[8] mentri fi spezzjoni oħra fit-3 ta' Lulju 2020 sabu fil-fond lir-rikorrenti Victoria Camilleri li però ma tatx aċċess lill-ispetturi tal-Awtorità għall-fond in kwistjoni.[9] Għalhekk l-Awtorità pproċediet billi ppreżentat ittra uffiċjali għall-iżgumbrament tar-rikorrenti peress li r-rikorrenti ma kellhomx titolu validu biex jokkupaw l-imsemmi fond. Ix-xhud spjegat illi biex wieħed jiġi rikonoxxut f'kirja jrid jgħaddi minn proċess ta' evalwazzjoni da parti tal-Awtorità u kwindi r-rikonoxximent mhux wieħed awtomatiku.

**Martin Bajada**, *Chief Officer* mal-Awtorità tal-Artijiet, spjega illi l-proprjetà kollha tal-blokka in kwistjoni kienet *ex wireless station* tas-Servizzi Ingliżi Jispjega li kien hemm ftehim bejn il-Gvern Malti u l-istess Servizzi sabiex dik il-proprjetà li ma jiddisponux minnha sal-Indipendenza tgħaddi għand il-Gvern Malti. Jispjega li d-Dipartiment tal-Artijiet kien għamel spezzjoni fl-2006 fejn sab illi t-*tenements*, li kellhom in-numri 71238 u 71237, kienu qegħdin jiġu okkupati minn Rose Cassar u Alfred Grixti rispettivament.[10] Jispjega li fuq il-pjanti redatti u li jinsabu fil-*files* tal-Awtorità tal-Artijiet jidher ċar illi ż-żewġ ambjenti huma mmarkati b'numri differenti, cioè Flat 1 u Flat 2.[11]

Is-Sur Bajada spjega illi l-appartament in kwistjoni huwa abbinat mal-fajl bin-numru ta' referenza L 450/66/2 u li l-Gvern ta' Malta huwa s-sid assolut tal-istess. Mir-rekords tal-Awtorità jirriżulta illi l-fond kien ġie mikri lil ċerta Josephine Cassar b'effett mit-22 ta' Ġunju 1977. Spjega wkoll illi l-Kummissarju tal-Artijiet kien oġġezzjona meta kien hemm talba għax-xiri ta' Block 1, Flat 1, Triq

[3] Dokument BB4 a fol. 62
[4] Dokument BB5 a fol. 66
[5] Dokumenti BB6, BB7, BB8 minn fol. 67 sa 69
[6] Dokument BB10 a fol. 74 u 75
[7] Dokument BB11 a fol. 77
[8] Dokument BB9 a fol. 70
[9] Dokument BB12 a fol. 79
[10] It-*tenement* bin-numru 71238 jirrelata ma' Block 2, First Floor, Triq Sant'Andrija, Valletta filwaqt li t-*tenement* bin-numru 71237 jirrelata ma' Block 1, Flat 1, Triq Sant'Andrija, Valletta
[11] Ara pjanta a fol.109

Sant'Andrija, Valletta peress li l-proprjetà kienet tas-Servizzi Ingliżi u kienet viċin is-sur.

**Ikkunsidra:**

Illi t-Tribunal se jibda biex jissorvola l-kwistjoni tat-titolu tal-proprjetà in kwistjoni. Illi fil-fehma tat-Tribunal, Martin Bajada, ta spjegazzjoni ċara tat-titolu li għandu l-Gvern ta' Malta fuq l-istess fond. Illi t-Tribunal jinnota li kien biss f'dawn il-proċeduri illi r-rikorrenti qajmu dubju fuq it-titolu li għandu l-Gvern u dan wara li għal għexieren ta' snin z-zijiet tar-rikorrent ħallsu l-kera lill-Awtorità tal-Artijiet jew lill-Awtorità tad-Djar jew il-predeċessuri tagħhom mingħajr ebda problemi. Lanqas ir-rikorrent ma ġieh dan id-dubju meta talab li jiġi rikonoxxut bħala l-inkwilin tal-fond in kwistjoni. Illi għalhekk dan it-Tribunal, wara li qies ix-xhieda u d-dokumenti sottomessi minn Martin Bajada huwa tal-fehma illi ma hemmx dubju illi l-fond in kwistjoni huwa proprjetà tal-Gvern. Però, anke jekk għall-grazzja tal-argument biss, kellu jeżisti tali dubju, ċertament illum il-ġurnata l-Gvern akkwista l-istess fond permezz tal-preskrizzjoni akwiżittiva.

Illi għalhekk, it-Tribunal se għaddi biex jeżamina l-aggravji l-oħra tar-rikorrenti. Illi huwa evidenti li l-kwistjoni prinċipali li nqalgħet f'din il-kawża hija jekk il-fond *de quo*, iġifieri Block 2, Flat 2 jew kif aħjar magħruf bħala Block 2, First Floor, Triq Sant'Andrija, Valletta kienx jifforma minn dejjem parti minn Block 1, Flat 1, Triq Sant'Andrija, Valletta. Il-fehma tar-rikorrenti hija li dawn l-ambjenti minn dejjem kienu jifformaw parti mill-istess fond, u cioè Block 1, Flat 1, Triq Sant'Andrija, Valletta, filwaqt li għall-Awtorità intimata dawn dejjem kienu żewġ fondi separati.

Illi t-Tribunal josserva illi skont in-noti li kien għamel Gratian Francica fl-ewwel spezzjoni tal-24 ta' Jannar 2018 fil-fond Block 2, First Floor, Triq Sant'Andrija, Valletta ġie mniżżel illi r-rikorrent kien biddel l-indirizz tal-Karta tal-Identità għal fuq l-istess fond fis-27 ta' Jannar 2015.[12] It-Tribunal jistaqsi *"La darba r-rikorrent huwa daqshekk konvint illi l-fond in kwistjoni jifforma parti minn Block 1, Flat 1, Triq Sant'Andrija, Valletta, xi skop kien hemm li jbiddel l-indirizz? La għalih dan kien fond wieħed, għaliex ħass il-ħtieġa li jbiddel l-indirizz?"* Dan isaħħaħ il-fehma tat-Tribunal illi r-rikorrent huwa ben konxju illi ż-żewġ ambjenti minn dejjem kienu trattati bħala fondi separati u li jekk sar xi taraġ intern, dan sar *ad insaputa* tal-Awtorità intimata u li ċertament ma jagħtih ebda dritt li jibqa' jabita fil-fond in kwistjoni.

[12] Dokument GF1 a fol. 36

Illi però, lil hinn minn dan kollu, huwa l-istess rikorrenti li jirrikonoxxi, fl-ittra mibgħuta minnu fid-9 ta' Frar 2015 lill-Awtorità intimata, illi dawn huma fondi separati. Fil-fatt fl-istess ittra jikteb is-segwenti:

*"I am currently taking care of my elderly aunt, Josephine Cassar (identity card number 485223M) who is 91 years old. My aunt lives at the above address at Block 2, Flat 2, Triq Sant'Andrija, Valletta, Malta. The said premises overly my parents' residence, who reside at Block 1, Flat 1, Triq Sant'Andrija, Valletta, Malta, where I was brough up and lived prior to moving into with my said aunt.*

....

*In view of the above I kindly ask you to, if possible, recognize me together with my said aunt as tenants of the said Block 2, Flat 2, Triq Sant'Andrija, Valletta, Malta....."*

Illi din l-ittra hija konferma illi r-rikorrent stess ma kienx qiegħed jitrattatta ż-żewg ambjenti bħala fond wieħed għaliex, li kieku, ma kellu bżonn l-ebda rikonoxximent mingħand l-Awtorità intimata stante li skont hu l-ambjenti ta' fuq il-fond fi Block 1, Flat 1, Triq Sant'Andrija, Valletta kienu jiffurmaw parti mill-istess fond fejn huwa trabba.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-provi dokumentarji esebiti minn Martin Bajada jkomplu jsaħħu dan il-ħsieb. Huwa ferm evidenti li fl-1977 l-inkwilini rikonoxxuti kienu Josephine u Rose Cassar.[13] Kwindi ma kinitx kwistjoni li l-aħwa Cassar kienu qegħdin jikkontribwixxu għall-kera tal-fond Block 1, Flat 1, Triq Sant'Andrija, Valletta kif spjegat omm ir-rikorrent. L-aħwa Cassar kienu qegħdin iħallsu l-kera fuq Block 2 bħala fond separat u b'kirja separata.

Illi fl-aħħarnett it-Tribunal jagħmel referenza għall-pjanta esebita minn Martin Bajada a fol. 107 tal-proċess, liema pjanta turi l-ambjenti tal-fond in kwistjoni li minnha wieħed jista' jinnota illi l-istess fond għandu żewġ kmamar tas-sodda, salott, kċina, kamra tal-ikel, faċilitajiet sanitarji u bitħa. Illi fuq l-istess pjanta ma jirriżulta l-ebda taraġ li jiżbokka ġo xi kamra tal-fond in kwistjoni. L-uniku taraġ li jeżisti huwa sabiex mill-bieb ta' barra prinċipali jtellgħek għal fuq.

Illi t-Tribunal jirrileva illi mill-pjanta esebita minn Gratian Francica jirriżulta illi Block 1, Flat 1 għandu *presso poco* l-istess ammont ta' kmamar bħal Block 2, First Floor. Dak li dan it-Tribunal jista' jaħseb li ġara biex dawn iż-żewġ fondi tniffdu huwa illi ġie miftuh bieb għal fuq l-ambjenti fejn hemm it-taraġ li bih

[13] Ara dokument a fol. 84 u 85

wieħed jaċċedi għal Block 2, First Floor. Però kwalunkwe tibdil strutturali bl-ebda mod ma jfisser illi b'daqshekk il-fondi saru fond wieħed.

Dan ifisser li r-rikorrenti m'għandhom ebda titolu validu fil-liġi biex ikomplu jokkupaw il-fond in kwistjoni.

Għaldaqstant, it-Tribunal ma jara l-ebda raġuni għaliex għandu jiddikjara t-talba għall-iżgumbrament mertu ta' dan l-appell bħala waħda nulla u bla effett.

**DECIDE**

Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti, qiegħed jiċħad l-appell tar-rikorrenti u jilqa' r-risposta tal-Awtorità intimata u għaldaqstant jikkonferma l-kontenut tal-ittra uffiċjali numru 34/2021 li kopja tagħha tinsab esebita a fol. 3 tal-proċess, u ai termini tal-artikolu 16 (2) tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta jipprefiġġi terminu perentorju ta' sittin (60) ġurnata mid-data ta' din is-sentenza sabiex ir-rikorrenti jiżgombraw u jneħħu kull oġġett mobbli appartenenti lilhom mill-fond Block 2, 1st Floor, Triq Sant'Andrija, Valletta.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**